MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2008

Numru 450/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**Vs**

**Emanuel Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuel Buhagiar, ta' 23 sena, iben il-mejjet Anthony u Carmen nee' Spiteri, imwieled Pieta' nhar is-17 ta' Ottubru 1975 u li joqghod 8A, Sqaq Bursett, Zabbar, u li ghandu il-karta tal-identita bin-numru 497275(M).

Billi gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'xi hin bejn is-16 ta' Settembru 1994 u is-7.00am tas-17 ta' Settembru 1994,

ikommetta serq ta' vettura tal-ghamla Morris Marina, bin-numru tar-registrazzjoni T-6102m liema vettura kellha diversi oggetti fiha, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija, kif ukoll bil-mezz, hin, u bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta' Nazzareno Borg minn tas-Sliema,

Kif ukoll talli nhar il-25 ta' Frar 1995, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, u cioe' vettura tal-ghamla Morris Marina bin-numru tar-registrazzjoni T-6102 jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema vettura gejja minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija (LM 1000).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 10 ta' Gunju, 2002 u li tinsab a fol. 211 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza kienet precedentement qieghda tinstema mill-Magistrat, illum Magistrat Irtirat Dr. Joseph Cassar LL.D. u li din il-kawza giet assenjata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fis-sena 2007.

Innutat li l-imputat, fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum, fil-presenza tal-avukati difensuri tieghu, wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-presenza tal-avukati

difensuri tieghu, rega’ wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat, din l-akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u ghalhekk talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imsemmija l-ewwel akkuza. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li minn verifiki li hu ghamel personalment illum rigward il-fedina penali tal-imputat li tinsab esebita fl-atti ta’ din il-kawza bhala “Dok EB” a fol. 225 tal-Process ma hemm xejn mizjud fl-istess fedina penali li diga’ hemm esebita.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali.

Issib lill-imputat Emanuel Buhagiar, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imsemmi imputat tillibera lill-istess imputat Emanuel Buhagiar taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Emanuel Buhagiar li tirrigwarda serq aggravat, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur rigward din l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Emanuel Buhagiar.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emanuel Buhagiar l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------